MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1053/2005

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C-3177)**

**Vs**

**Brian Camilleri ID Card No: 306871(M)**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih il-Bank attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' disa' mija u zewg liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm902.81c) u dan kwantu ghal seba' mija u sebgha w erbghin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm747.10c) rapprezentanti sorte, kif ukoll l-ammont ta' mija u hamsa u hamsin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm155.89c) rapprezentanti imghaxijiet mis-27 ta' Settembru, 2002 sas-6 ta' Mejju, 2005 oltre l-imghaxijiet legali ulterjuri mis-7 ta' Mejju, 2005 sad-data tal-pagament effettiv, liema somma hija dovuta

in rifuzjoni ta' ammont bilancjali ta' flus originarjament avvanzati fuq *loan account* bin-numru 011021987300.

Ra li l-konvenut debitament notifikat ipprezenta Nota ta' Ammissjoni fid-19 ta' Mejju, 2005.

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal tal-14 ta' Lulju, 2005 u n-Nota li giet esebita fl-10 ta' Novembru, 2005, kif ukoll dik li giet esebita fil-21 ta' Frar, 2006.

**Ikkunsidra**

It-Tribunal jirrileva illi ghalkemm f'din il-kawza hemm Nota ta' Ammissjoni, huwa hass li huwa ta' ordni pubbliku li jigi accertat li m'hemmx imghaxijiet oltre dak li huma permessi skond il-ligi.

Mid-dokumenti esebiti jirrizulta illi fil-11 ta' Lulju, 2000 il-konvenut inghata self ta' elf u erba' mitt lira Maltin (Lm1,400) u huwa beda jhallas dan il-*loan* mit-8 t'Awissu, 2000. Il-Bank zamm rata ta' imghax ta' 8.75% p.a izda mit-28 ta' Gunju, 2002 'il quddiem, dan huwa indikat bir-rata ta' 8%.

It-Tribunal ghamel kalkolu mill-gdid tenut kont ta' l-ammont mislufa u tal-pagamenti maghmula komprizi dawk tal-14 ta' Lulju, 2005 - erba' mija u tnejn u tletin lira Maltin u seba' centezmi (Lm432.07c) u tat-18 t'Awissu, 2005 - hamsa u disghin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm95.38c). Huwa wtilizza rata ta' 8% fis-sena. Qed tigi wzata rata ta' 8% u mhux bi 8.75% stante li ma gietx prodotta l-ebda prova li tiggustifika tali differenza fl-interessi.

| Date | Payment | Amount Paid | Capital | Accrued Interest at 8% | Bala |
|---|---|---|---|---|---|
| 11/07/2000 | loan | | 1400 | 0.00 | 1,4 |
| 08/08/2000 | repayment | 30 | 1,400 | 8.59 | 1378 |
| 09/10/2000 | repayment | 30 | 1,379 | 18.73 | 1367 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 10/10/2000 | repayment | 30 | 1,367 | 0.30 | 1337 |
| 23/12/2000 | repayment | 60 | 1,338 | 21.70 | 1299 |
| 08/01/2001 | repayment | 30 | 1,299 | 4.56 | 1273 |
| 08/02/2001 | repayment | 30 | 1,274 | 8.66 | 1252 |
| 08/03/2001 | repayment | 30 | 1,253 | 7.69 | 1230 |
| 28/04/2001 | repayment | 30 | 1,230 | 13.75 | 1213 |
| 25/05/2001 | repayment | 30 | 1,214 | 7.18 | 1191 |
| 28/06/2001 | repayment | 60 | 1,191 | 8.88 | 1140 |
| 27/07/2001 | repayment | 30 | 1,140 | 7.25 | 1117 |
| 31/08/2001 | repayment | 30 | 1,117 | 8.57 | 1095 |
| 05/10/2001 | repayment | 30 | 1,096 | 8.41 | 1074 |
| 28/01/2002 | repayment | 90 | 1,074 | 27.08 | 1011 |
| 28/06/2002 | repayment | 120 | 1,011 | 33.47 | 924 |
| 23/07/2002 | repayment | 12 | 925 | 5.07 | 917 |
| 27/09/2002 | repayment | 200 | 918 | 13.28 | 731 |
| 14/07/2005 | repayment | 432.07 | 731 | 163.62 | 462 |
| 18/08/2005 | repayment | 95.38 | 463 | 3.55 | 370 |

Minn dan il-prospett jirrizulta li l-ammont proprjament dovut huwa ta' tlett mija u sebghin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm370.86c) flimkien ma' l-interessi mit-18 t'Awissu, 2005. Huwa dan l-ammont li ghandu jigi milqugh minn dan it-Tribunal.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-Bank attur is-somma ta' tlett mija u sebghin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm370.86c) flimkien ma' l-interessi li jibdew jiddekorru mit-18 t'Awissu, 2005 u bl-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------